MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2003

Numru. 151/2001

PULIZIJA
SPETTUR JOSEPH CORDINA
VS
PAUL MUSCAT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Paul Muscat ta’ 39 sena bin John u Salvina nee Micallef, imwieled Rabat (Malta) fl-10 ta’ Frar 1962 u li joqghod fl-indirizz Canius, G Ganado Street, Rabat detentur tal-karta tal-identita numru 114162M talli fil-11 ta’ Dicembru 2000 u fix-xhur precedenti f’dawn il-gzejjer u diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, ghamel falsifikazzjoni f’atti awtentici u pubblici jew fi skrittura kummercjali, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskritturi jew fil-firem billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz min obbligi, jew billi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati u aktar

talli xjentement ghamel uzu mill-istess skritturi foloz. Dan bi ksur tal-artikoli 183 u 184 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta. Malta.

Tali fl-istess cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu, jew ghal hadiehor, f'xi dokument mahsuba ghal xi awtorita pubblika xjentement ghamel dikjarazzjonijiet jew stqarrijiet foloz jew ta taghrif falz. Dan bi ksur tal-artikolu 188 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess cirkostanzi ghamel falsifikazzjonijiet jew xjentement ghamel uzu minn dokumenti iffalsifikati. Dan bi ksur tal-artikolu 189 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess cirkostanzi, bhala persuna licenzjata biex tittestja mid-Direttur tat-Traffiku skond ir-regolamenti ta' 1998 "Dwar testijiet biex jiccertifikaw il-vetturi bil-mutur ikunu tajba ghat-triq", naqas li jittestja ir-rizultat posittiv ta' test jew cahda ta' rizultat posittiv skond il-kaz fl-istess data li fiha t-test jkun gie kompletat. Dan bi ksur tal-Art 19 tal-AL 126/1998.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni jirrizulta illi l-pulizija rceviet informazzjoni li xi vetturi kienu qed jinhargilhom cetifikati ta' VRT minghajr dawn fil-fatt ma jigu ccertifikati fuq il-post (ara fol 6 et seq). Illi mill-investigazzjonijiet mwettqa mill-ufficjal prosekutur jirrizulta li l-karozzi tal-Isterling Car Hire kienu involuti u l-garage tal-VRT kien dak immexxi mill-imputat. In-nexus bejn dawn kien James Mallia li kien jahdem full time mal-Car Hire u part time mal-imputat.

Illi meta gie interrogat Mallia mill-ufficjal prosekutur rrizulta li Mallia kien wasal ghal ftehim mal-imputat, fejn Mallia kien jaghti n-numri tal-karozzi lill-imputat u ghal skans ta' hin u tragitti l-imputat kien johrog c-certifikat tal-VRT.

Illi ghalhekk, l-ufficjal prosekutur ghamel ricerka fuq il-karozzi tal-Sterling Car Hire – sab f'idejn min kienu. Nel frattemp Spettur Cordina kien interroga wkoll lill-imputat (ara dok JC1 a fol 12) fejn innega li ghamel xi affarijiet kontra l-ligi. Hu qal illi l-karozzi kollha li kien hareg il-VRT certificate kienu ttestjati minnu, izda mhux necessarjament f'data indikata fic-cerifikat seta kien xi jiem qabel.

A fol 17 et seq Paul Scerri, Assistant Director Licensing and Testing Department, xhed fuq il-procedura li suppost jadoperaw VRT garages owners. Xhed illi garage owners kellhom jittestjaw il-karozzi skond in-normi li ghandhom, u meta jittestjaw il-vettura dakinhar stess obbligati li johorgu certifikat, pass jew refusal (ara fol 18).

Illi il-pass certificate jrid johrog in triplicate, tnejn ghal klijent u iehor ghal licensing department.

Illi ic-certifikati jinhargu minn computers tal-garage owner minn computer programme approvat mill-Gvern skond Legal Notice 126/1998. Il-garage owner huwa wkoll obbligat illi jzomm records tac-certifikati mahruga minnu ghal sentejn. Ghandu wkoll jibghat returns lil Licensing Department kull xahar tac-certifikati maghmula, kemm dawk li ghaddew kif wkoll dawk li gew rifjutati.

Paul Scerri kkonferma illi l-imputat kien licensed VRT garage owner fil-15 ta' Marzu 2000 (ara dok PS10).

Ray Fava Naudi (a fol 54-61 et seq) xehed illi huwa impjegat mal-Unit tal-Ambjent u jsuq car JAV 227 pick up.

Illi dawn il-karozzi inhadmu fuq log book ghalkemm minn Dok JC2, kkonfermata mill-istess xhud jidher illi Naudi kien Qormi Kirkop u Hal Far fil-22 ta' Awissu. Ta wkoll l-lokalitajiet fejn kien bil-car kemm qabel kif wkoll wara din

id-data. Kkonferma illi hadd mill-Isterling Car Hire ma baghat ghal karozza sabiex jsirulha VRT Testing.

Anthony Piscopo mistoqsi fuq Car GAJ 682 xhed fuq il-procedura ta' kif jiffirmaw ghal cars li jsuqu u li dan il-log book jinzamm ghand Joe Cortis (fol 64).

Martin Zammit (fol 67 sa 70) Marketing Manager ta' Datatrek xehed fuq il-moviment ta' car KAK 018 mill-10 ta' Ottubru sa 13 t'Ottubru 2000 – u il-lokalitajiet imsemmija minnu fol 68 sa 70 ma jinkludux il-Gharghur fejn ghandu l-garage l-imputat – esebixxa il-log books dok MZ1 sa 10 a fol 71 sa 80

Audrey Demicoli, Arkitett mal-Gvern, ghandha karozza nru LAK 747 u LEK 345 assenjati fuqha.

Xehdet illi fil-11 u t-12 ta' Dicembru 2000 hija kienet ma tiflahx, b'cetifikat mediku u l-karozza taghha baqghet wara l-bieb.

Kompliet tixhed illi hadd ma talabha ghal ritorn tal-karozza taghha ghal VRT testing "la f'Dicembru u l-anqas xahar iehor" (ara fol 85 wkoll fol 90 u 91).

Joseph Chircop a fol 86 et seq xehed fuq karozza KAK 018 hija fuq Datatrek System u qal li f'Ottubru 2000 qatt ma baghat il-karozza ghal VRT Testing.

Bjorn Vassallo a fol 100 et seq xehed illi hua jahdem bhala Technician mal-MITTS u kellu il-karozza KAK 017 fi zmien koncernat – cioe inkluz Awissu 2000. Xehed illi hadd ma talbu il-karozza sabiex jsirilha VRT Testing u meta kien jkun hemm xi problema bil-karozza kien jkun hu li jiehu l-karozza – anki ghal service kien johodha hu. Hadd ma talbu il-karozza ghal servicing fix-xahar ta' Awissu 2000 pero ma kienx cert.

L-imputat min-naha tieghu xehed illi huwa ghandu station go Naxxar Road il-Gharghur ghal VRT u li gie awtorizzat jaghmel dan it-tip ta' xoghol f'kuntratt mad-direrttur tat-Traffiku.

Illi ftit xhur wara certu James Mallia tal-Isterling Car Hire inkariga lill-imputat sabiex jibdew jsiru VRT Testing tal-flotta tieghu. Il-karozzi tal-flotta kien hargu fin-1996 u kellhom erbgha snin massimu hamsa. Kien jittestjahom regolarment u qatt ma sab problemi.

Ili xi zmien wara li bdiet tithaddem sew is-sistema, gie Victor Chetcuti u qallu illi kell erba karozzi ghal service u setghax jaghmililhom il-VRT Testing ghal lest.

Illi l-imputat kien rrispondieh illi il-VRT Test jghodd biss ghal 90 gurnata u Chectuti qallu illi dawn il-karozzi kienu ser jigu mikrija lill-kumpanija u kien jkun difficli biex jerga jgibhomlu.

Allura ddecidew illi jittestjahom ghal VRT dakinhar u li johorgu c-certifikat f'data aktar tard sabiex jkun ghadu vigenti t-test. Illi l-imputat xehed illi ghamel dan ghaliex kienu karozzi ta' erbgha jew hames snin u ikkondizzjonati tajjeb.

L-imputat xehed illi huwa ghamilha din il-haga biss mal-Isterling Car Hire u ghal rigward ta' ghaxar karozzi minn tieghu.

L-imputat sostna illi t-test ghamlu u li l-karozzi li ttestjaw kienu tajbin  u kien ghalhekk li ghaddew mit-test. Sostna li huwa ma ghadda ebda karozza li ma kenitx "up to standard".

L-imputat kkonferma l-istqarrija tieghu wara li giet moqrija lilu.

Mistoqsi jekk ghandux  xi garanzija li l-karozza li ttestja saritilix xi hsara bejn id-data li ttestjaha u d-data li fiha jaghmel c-certifikat l-imputat xehed li ovvjament ma kellux din il-garanzija u li "jekk ha nimxu hekk allura t-test joqghod jsir kuljum."

L-imputat a fol 121 <u>ripetutament afferma li t-test ghamlu fuq kull karozza li ghaliha hareg c-certifikat.</u>

Illi mix-xhieda ta' Philip John Bezzina tal-Isterling Car Hire jirrizulta illi huwa jittestja l-karozzi tal-flotta tieghu ghand l-imputat u li kien hemm okkazzjonijiet fejn karozzi ma ghaddewx mit-test u cioe Isuzu Pick up li wehel fit-test tal-brakes. Bezzina xehed li l-imputat qatt ma mar ghandhom biex jiccekkja l-vetturi izda dejjem kienu huma li hadulu il-vetturi.

Ikkunsidrat:-

Illi din il-kawza tippernja fuq tests tal-VRT maghmula mil-imputat liema tests gew maghmulin f'data partikolari izda c-certifikati relattivi hargu f'data sussegwenti, u jekk dan l-agir jaqax jew jinkwadrax taht l-akkuzi jew reati kontemplati fl-Art 183, 184, 188 u 189 tal-kap 9.

Illi l-Art 183 u 184 tal-kap 9 jipprovdi:-
"Kull persuna ohra li taghmel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tiblil fl-iskrittura jew fil-firem, billi tohloq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz, jew helsien falz minn obbligi, jew billi ddahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zzid jew tbiddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, tehel, meta tinsab hatja, il-piena ta' prigunerija minn tlettax il-xahar sa erba snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha."

"Kull persuna li xjentement taghmel uzu minn att, kitba jew skrittura falza imsemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-subartikolu, tehel, meta tinsab hatja, il-piena stabbilita ghall-awtur tal-falsifikazzjoni."

Illi l-Art 189 tal-kap 9 jiddisponi is-segwenti:-
"Kull min jaghmel falsifikazzjoni ohra jew xjentement jaghmel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, mhux imsemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, jehel il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur, u jekk ikun ufficjal jew impjegat pubbliku b'abbuz tal-

kariga jew impjieg  tieghu, il-piena tkun ta’ prigunerija minn seba xhur sa sena.”

Illi mix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni ma jirrizulta minn imkien illi l-imputat ghamel xi tibdil fuq skrittura wara li din giet ffirmata jew maghmula. Illi gialadarba ma sar ebda tibdil, alterazzjoni fuq dokument maghmul ma jista jkun hemm ebda falsifikazzjoni kif trid il-ligi.

In oltre la  ma jissussistiex reat taht l-Art 183  ma jista jissusisti ebda reat that Art 184 li jikkontempla uzu ta’ skrittura falsifikata.

Illi l-Art 188 tal-kap 9 jiddisponi s-segwenti:-
“Kull min, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement jaghmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jaghti taghrif falz, jehel, meta instab hati, il-piena ta’ prigunerija ghal zmien ta’ mhux izjed minn sentejn jew multa”.

Izda ebda haga f’dan l-artikolu ma tolqot l-applikabilita ta’ xi ligi ohra li tipprovdi ghal piena oghla.”

Illi dan il-kaz jittratta data fuq test koncernati numri ta’ vetturi. Il-prosekuzzjoni kellha ggib il-prova li b’dak li ghamel, l-imputat ghamel xi tip ta’ qliegh jew profitt ghalih innifsu. Dan il-qliegh ma gie b’ebda mod pprovat. Fl-ahjar ipotesi ghall-prosekuzzjoni, l-imputat baqa fl-istess sitwazzjoni. Kif zvolgew ic-cirkostanzi tal-kaz, l-imputat kien jiggwadanja kieku ghamel service, thallas tieghu, imbaghad rega sejjah ghal karozza biex ssirilha il-VRT u thallas ta’ dan wkoll.

Illi din il-Qorti wara li fliet bir-reqqa ix-xhieda kollha tal-kaz, b’mod specjali ghal dak li l-imputat sostna fl-istqarrija kif wkoll li dak li tenna fit-testimonjanza tieghu li hi tal-fehma li l-imputat huwa essenzjalment bniedem onest u tal-affari tieghu. Tant hu hekk illi l-fedina penali tieghu mhux biss nadifa tazza imma l-anqas tikkontieni semplici parking ticket u din il-Qorti kkonsidrat li hawn si tratta ta’ persuna ta’ erbghin sena u mhux xi teenager.

Din il-Qorti temmen li l-imputat zbalja sforz "overzealouness" biex jaghti servizz tajjeb lill-klijenti tieghu u ma kellux ebda intenzjoni li jqarraq b'xi hadd jew li juza dak il-qerq biex jaghmel qliegh minnu.

Din il-qorti hi tal-fehma illi l-imputat realment ghamel t-testijiet fuq kull vettura li certifika.

Din il-Qorti waslet ghal tali konkluzzjoni wara li kellha l-opportunita twiezen l-agir tal-imputat waqt l-andament tal-kawza u kienet konxjaxhieda ta' effett katastrofiku li dawn il-proceduri kellhom fuq l-imputat li emmen li kien ghamel xi haga posittiva ghal klijent u minkejja dan sab ruhu f'daqstant gwaj.

Il-Qorti hi perswaza li l-imputat fehem – u anki bil-qares – li wiehed mhux biss ma jistghax jikser l-ligi imma l-anqas ma jista ixellifa marginalment.

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti ssib lill-imputat mhux hati u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------